# PRIM'AWLA QORTI CIVILI

**IMHALLEF : DR. GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tat-23 ta' Marzu 2001**

**Citazzjoni Numru 898/82 GC**

**Edwin Mirabelli bhala rappresentant tas-socjeta Mediterranean Survey Bureau Limited**

**-vs-**

**Vivian Bianchi u Michael Bianchi ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta Bianchi & Sons Limited u dina bhala agent tal-vapur "TUCUMAN"**
**u**
**Godwin Abela u William Scicluna ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta The Cargo Handling Company Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:-

Illi d-Direttur tat-Trade importa gewwa Malta tlett elef (3000) kaxxa Corned Beef fuq il-vapur "TUCUMAN" kif jirrizulta mill-polza tal-Kariku Dok. A;

Illi meta l-vapur gie skarikat u l-merkanzija kunsenjata, l-importatur irceva biss elfejn disa' mija u hamsa u hamsin (2955) kaxxa, jigifieri hamsa u hamsin inqas milli jmissu u fost dawn il-2955 kaxex sebgha u tletin (37) instabu vojta kif jirrizulta mic-certifikati tad-Dwana Dok B1 u B2;

Illi bhala kumpens ghal dan in-nuqqas kollu is-socjeta' assikurattrici Mediterranean Insurance Brokers Ltd. kif kienet obbligata, hallset ghan-nom tal-underwriters lill-istess Direttur tat-Trade, is-somma in toto, ta' elf tmienja u tletin lira u sebgha u sittin centezmi (Lm1038.67) Dok C1 u C2;

Illi l-underwriters li ghalihom agixxiet is-socjeta Mediterranean Insurance Brokers Limited iddelegaw lill-Mediterranean Survey Bureau Ltd, is-socjeta attrici, bhala Recovery agents (Dok D);

Illi l-konvenuti nomine jew min minnhom, huma responsabbli ghan-nuqqas fuq indikat;

Ghalhekk is-socjeta atrici talbet li l-konvenuti, jew min minnhom, jghidu ghaliex ghar-ragunijiet fuq premessi m'ghandhomx (1) jigu dikjarati responsabbli ghan-nuqqasijiet fuq indikati u (2) jigu kundannati li jhallsu lill-attur nomine is-somma ta' Lm1038.67, u bl-interessi ta' sitta fil-mija mid-data tal-pagament, in rifuzjoni tal-pagament maghmula mill-Mediterranean Insurance Brokers Limited ghan-nom tal-underwriters;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta The Cargo Handling Company Limited fejn gie eccepit :-

1. Illi t-talbiet attrici, in kwantu diretti kontra s-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd. huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress illi s-socjeta The Cargo Handling Co. Ltd. ikkonsenjat il-merkanzija `de quo' fl-istess ammont u stat illi hija ircevitu mill-vapur;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta The Cargo Handling Company Limited debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta Bianchi & Sons Limited nomine fejn gie eccepit :-

1. Illi t-talbiet attrici in kwantu diretti kontra s-socjeta Bianchi & Sons Limited bhala agenti tal-vapur "TUCUMAN" u in kwantu li jikkoncernaw "short landing" ta' hamsa u hamsin (55) kaxxa "corned beef" u s-sejba ta' sebgha u tletin (37) kaxxa vojta huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi mit-tally sheet maghmula jidher car illi x-"short landing" kien jinvolvi inqas kaxex minn dawk specifikati fic-citazzjoni u li kwalunkwe hsara jew nuqqas iehor li rrizulta sar wara li l-merkanzija giet skarikata u mnizzla mill-vapur u ghalhekk mhux ta' responsabilita tal-vapur;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta Bianchi & Sons Limited nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) tal-14 ta' April 1983 li bih gie nominat bhala perit legali Dr. Renzo Porsella Flores bil-fakoltajiet kollha soliti;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta konvenuta The Cargo Handling Company Limited fejn gie eccepit :-

1. Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gia solevati, t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenuti nomine ma ghandhom ebda relazzjoni guridika kwalunkwe mal-attur;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta Cargo Handling debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc tal-10 ta' Ottubru 1990 li biha giet akkolta l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mis-socjeta konvenuta Cargo Handling u cioe li l-imsemmija socjeta ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta attrici u konsegwetement l-istess socjeta konvenuta giet liberata mill-osservanza tal-gudizzju

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) tat-12 ta' Frar 1992 li bih gie esentat il-perit legali gia nominat u gie nominat minfloku Dr. Joseph Refalo bl-istess fakoltajiet;

Rat ir-relazzjoni tal-imsemmi perit legali debitament konfermata bil-gurament fil-kors tas-seduta tat-30 ta' Ottubru 1995;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Ottubru 1998;

Ikkonsidrat:

Jirrizulta li d-Direttur tal-Kummerc importa mal-vapur TUCUMAN, li wasal Malta fis-6 ta' Settembru 1981 tlett elef (3000) kaxxa corned beef. L-istess Direttur tal-Kummerc irrapporta lis-socjeta assikuratrici, Mediterranean Insurance Brokers Limited, li huwa kien ircieva inqas kaxxi, cioe 45, u inoltre sab li 37 kaxxa ohra kienu vojta. L-imsemmija socjeta assikuratrici ghal dawn in-nuqqassijiet kollha hallset lill importatur, bhala kumpens, is-somma ta' elf u tmienja u tletin liri maltin u seba u sittin centezmi (Lm1038.67) u b'hekk hi giet surrogata fid-drittijiet kollha tal-importatur. L-istess socjeta assikuratrici ddelegat bhala Recovery Agents lis-socjeta attrici, Mediterranean Survey Bureau Limited, sabiex tezercita d-drittijiet taghha sabiex tithallas lura l-imsemmija somma u dana minghand minn kien responsabbli ghal dawn in-nuqqassijiet. Is-socjeta attrici tippretendi li s-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli ghal dawn in-nuqqasijiet u ghalhekk saret din il-kawza;

Permezz tal-imsemmija sentenza tal-Qorti tal-Kummerc tal-10 ta' Ottubru 1990, wara li giet akkolta l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mis-socjeta konvenuta Cargo Handling, l-istess socjeta konvenuta giet liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Ghalhekk fadal biss li t-talbiet attrici jigu esaminati fil-konfront tas-socjeta konvenuta l-ohra Bianchi & Sons Limited;

Is-socjeta konvenuta Bianchi & Sons Limited principalment qed teccepixxi li in-nuqqassijiet in kwestjoni sehhew wara li l-merkanzija giet skarikata u mnizzla mill-vapur u ghalhekk l-istess vapur ma jistax jitqies responsabbli;

Il-qorti esaminat bir-reqqa r-relazzjoni tal-abbli perit legali u taqbel mal-kostatazzjonijiet kollha li ghamel il-perit legali u mal-konkluzjonijiet li wasal ghalihom l-istess perit legali. Dawn il-kostatazzjonijiet u konkluzjonijiet ghalhekk qed jigu adottati u l-qorti tghamillhom taghha. Difatti jirrizulta li mit-tlett elef (3,000) kaxxa "corned beef" li mporta id-Direttur tal-Kummerc gew konsenjati biss 2955 kaxxa u minn dawn kien hemm 37 li kienu vojta. Jirrizulta li bhala kumpens ghal dawn in-nuqqasijiet is-socjeta' assikuratrici Mediterranean Insurance Brokers Ltd. hallset is-somma ta' elf tmienja u tletin liri maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm1038.67). Jirrizulta ukoll li l-imsemmija socjeta assikuratrici ddelegat lis-socjeta attrici sabiex tagixxi sabiex tirkupra l-imsemmija somma;

L-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta huma eccezzjonijiet fil-meritu u huma fis-sens li n-nuqqassijiet in kwestjoni avveraw ruhhom wara li l-merkanzija in kwestjoni giet skarikata minn fuq ll-vapur u ghalhekk ma tista tinstab qatt responsabilita' fl-istess vapur. Dawn il-pretensjonijiet pero' ma gewx sufficjentement pruvati. Ghal kuntrarju jirrizulta li l-merkanzija in kwestjoni tnizzlet minn abbord mhux fl-istess kondizzjoni li fiha tghabbiet. Jirrizulta li uhud mill-kaxxex tnizzlu danneggjati, b'telf tal-kontenut taghhom. Huwa minnu li ma jistax jigi accertat b'mod preciz f'xix kienu jikkonsistu dawn in-nuqqasijiet meta il-kaxxi tnizzlu minn abbord. Fic-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz, pero', jista jinghad li jirrizulta sufficjentement pruvat illi s-socjeta konvenuta Bianchi & Sons Limited nomine ghandha tigi ritenuta responsabbli ghan-nuqqasijiet in kwestjoni. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti fil-kofront tas-socjeta konvenuta Bianchi & Sons Limited nomine;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mis-socjeta konvenuta Bianchi & Sons Limited nomine u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara lis-socjeta konvenuta Bianchi & Sons Limited nomine responsabbli ghan-nuqqasijiet in kwestjoni u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta konvenuta Bianchi & Sons Limited nomine li thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf u tmienja u tletin liri maltin u seba u sittin centezmu (Lm1038.67) u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza;

Spejjez kontra s-socjeta konvenuta Bianchi & Sons Limited nomine.